# KUNSILL LOKALI KALKARA

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA KKR 1330

TEL: 21665500

email: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 1-16

**Data:** 16 ta' Dicembru 2015

**Hin:** 5:00 pm

**Post:** Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

**Membri Preżenti :** Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Pawlu Bongailas – Kunsillier
Vincent Bongailas - Kunsillier

- Michela Zammit- Ambaxxatriċi ġiet skużata

## MINUTI

### TALBA

Is-Sindku Speranza Chircop qalet it-talba.

### 1. QARI TAL-MINUTI

Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Novembru 2015.

2. Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Vince Bongailas

Qabel ma bdiet is-Seduta rappreżentant mill-Grupp 'Generation Green' spjega fuq attivita' li ser issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli tal-Kottonera fejn din l-attivita' hija miftuħa għal kulħadd kemm Kunsilliera Sindki tfal ġenituri u kull minn hu interessat.

Din l-attivita' ser tkun qed tiġi mtella' minn dan il-grupp kollaborazzjoni mal-President ta' Malta biex titqajjem għarfien fuq spazji miftuħa ta' ħdura fejn it-tfal ser ikollom ċans jieħdu ritratti, ipinġu inaddfu l-inħawi ta' bieb is-Sultan fil-Birgu.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li l-Kunsill tal-Kalkara għandu jkun parti minn din l-inizjattiva biex b'hekk inkunu ta' eżempju tajjeb għat tfal tal-lokal.

Is-Sindku issuġeriet li 'Generation Green' għandhom jaħsbu ukoll għal attivita' bħal din spjegata hawn fuq fil-lokal tal-Kalkara stess.

**3a.Ħwejjeg li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 23.15);**

Punt 5.8 – Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill illi is-Seg. Eżek. kienet ser iġġedded 96 siegħa ta' leave għas-sena 2016, peress li ma kinitx ħadithom matul is-sena 2015.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.

**3b.Ħwejjeg li jirriżultaw mill-Minuti (Seduta 24.15);**

Punt 4.8 – Is-Seg. Eżek. staqsiet lis- Sinjura Maria Sultana jekk kelliex risposta fuq l-attivita' tal-Karnival jekk hux ser titella jew le għas sena 2016 minħabba illi l-informazzjoni tkun trid tintbgħat lil entitajiet oħra kif inhu xieraq biex tiġi ukoll imniżżla f'kalendarju Nazzjonali bl-attivitajiet tal-Karnival ta' Malta u Għawdex.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi għadha ma kellix risposta minn naħa tal-persuna li hija tqabbad biex jgħinha titella din l-attivita' bħal kull sena.

Punt 4.9 – Is-Seg. Eżek. staqsiet lis-Sur Chris Bruno jekk kellux risposta formali minn naħa tal-Kunsill taż-Żgħażagħ kif ukoll mill-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ tal- lokal jekk dawn għadhomx aktar attivi.

Is-Sur Bruno spjega illi ħafna miż Żgħażagħ li kienu jagħmlu parti minn dan il-grupp għalqu 18-il sena u b'hekk m'għadhomx jistgħu ikunu parti mill- Kunsill taż-Żgħażagħ, ukoll talab lis-Seg.Eżek. tkellem lill-Ambaxxatriċi biex jekk din m'għadiex interessata li tkun Ambaxxatriċi tal-lokal tiktbilna ittra formali biex tkun tista tintbgħat lill-'Vot 16' għal informazzjoni tagħhom.

Punt 5 – Is-Sindku informat lill-Kunsill illi l-flus li ser jinġabru mill-Kappillan kif ġie spjegat fid-dettal fis- Seduta ta' qabel ser ikunu qed jinġabru b'risq persuni fil- bżonn u mhux f'isem kumpanijja partikolari fl-istess qasam.

## 3. Korrispondenza

3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar il-problemi tekniċi li hemm ix-Xatt fil-globi tad-dawl.

Hija saħqet illi il- kuntrattur ma jistax joħroġ kwotazzjoni qabel jinbeda ix-xogħol minħabba il fatt illi x'ħin jibda jirranġa ikun jaf eżatt x'hemm.

Il-Kunsill kollu qabel li dan ix-xogħol irid isir minħabba li d-dawl tax-Xatt huwa essenzjali ħafna.

3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li irċeviet minn għand resident biex titwaħħal mera fi Triq il-Kapuċċini kif tinżel minn ħdejn l-istatwa tal-Madonna fejn il- bieb tal-garaxx tal- Kunvent biex minn ikun ħiereġ minn faċċata ikun jista jara minn ikun nieżel u jiġi mnaqqas il-periklu.

Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni pero', jekk din il- mera tkun ser titwaħħal mal- faċċata dirett tal- Kunvent il-Kunsill stess għandu jġib permess mill-Gwardjan qabel titwaħħal din il- mera.

3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi is-Segretarjat Parlamentari għal-Gvern Lokali flimkien ma l-Aworita' ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni ser ikunu qegħdin jagħtuna żewġ 'Wifi Points' oħra għal beneficju tar-residenti ġewwa il- lokal.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn għandhom jitwaħħlu fil-Pjazza Sagra Familja u fil- Bajja tar-Rinella.

3.4 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar email li irċeviet mingħand persuna li qed titlob permess mill-Kunsill biex twaħħal notifika ' for sale' ma plot tal- familja tiegħu ġewwa Triq Ganni Raimondo.

Il-Kunsill qabel illi twaħħil ta' notifikazzjonijiet bħal din imsemmijha hawn fuq m'għandux jidħol fiha il-Kunsill peress li hija plot privata.

3.5 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill dwar talba għal permes ta' kontejner ġewwa Misraħ Arċisqof Gonzi fuq il- bankina biex dan ir-resident ikun jista jbattal il-ħanut li kien qiegħed jokkupa għal dawn l-aħħar snin.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi permessi ta' kontejners huma kontra ir-regolamenti tal- Kunsill u li fl-opinjoni tagħha dan il-permess m'għandux jinħareġ minħabba li jiġi kontra liġi.

Il-Kunsill oġġezzjona illi jinħareġ dan il- permess u saħaq illi dan ir-resident għandu jsib alternattiva vijabli biex ikun jista jbattal il-ħanut.

4.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar email li irċeviet minn għand persuna li għamlet ħsara fil-karozza wara li kien hemm parti minn kurduna ta' bankina imkissra li taqa taħt ir-responsabilta' tal- Kunsill. Din il- persuna bgħatet id- dokumenti kollha neċessarji skond il- liġi biex tiġi imħallsa tad-danni li kienet kisbet fil- karozza.

Il-Kunsill kollu qabel illi għandha titieħed opinjoni ta' l-avukat tal-Kunsill minħabba il fatt illi dan l-inċident ma sarx b'toqba fit-triq imma għax b'xi mod jew ieħor is- sewwieq ħakk mal- bankina.

4.7 Is-Sindku infurmat il-Kunsill fuq approvazzjoni li ntbgħatet lill-Kunsill fuq sinjali tat- traffiku ġodda kif ukol 'Traffic Management System' kif suppost minn naħa ta' Transport Malta viċin l-iskola

Is-Seg.Eżek ser tkun qed iġġib stima biex aktar tard is-sena id- dieħla issir flimkien mar-'Roundabout' li kienet ġiet approvata fit-Triq Santu Rokku.

4.8 Is-Seg.Eżek. infurmat il-Kunsill dwar opportunita li id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bgħatilna biex nagħmlu parti minn proġett fuq 'Good Governance'

Is-Seg.Eżek. spjegat li dan huwa proġett impenjattiv u min ser ikun involut irid jgħati is- sehem tiegħu kemm billi jattendi laqgħat kif ukoll f'xi 'paper work' li jista jinvolvi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dan il-proġett għandu jidħol għalih is-Sur Chris Bruno minħabba il fatt li kien qiegħed diġa involut fi proġett ieħor ta' l-istess tip.

Is-Sur Chris Bruno aċċetta u spjega illi minħabba in-natura tax-xogħol tiegħu mhux dejjem ser ikun jista jattendi għal laqgħat. Il-Kunsilliera kollha offrew li jgħinu u li jissostitwixxu lil Viċi Sindku fejn ser ikun hemm bżonn.

4.9 Is-Seg. Eżek. spjegat proġett ġdid li fil-fehma tagħha kien ideal li il-Kunsill ikun jagħmel parti minnu bl-isem ta' 'Muża'. Dan il-proġett ser ikun qed jinvolvi 10 minn nies mill-lokal stess fil-qasam ta' l-arti.

Il-Kunsill kollu qabel illi il-Kunsill għandu jidħol għal dan il-proġett innovattiv.

4.10 Is-Sindku għarrfet lill-Kunsill illi irċeviet ittra ta' ringrazzjament mill- Palazz tar-Reġina Eliżabetta II tar-rigal li ġie mgħoti lilha f'isem il-Kunsill fiż-żjara tagħha ġewwa il-Kalkara.

4.11 Is-Seg.Eżek. ressqet dokument issuġeriet mis-Sur Pawlu Bongailas rigward Jum il- Kalkara 2015 li jinkludi 'Post Mortem' tas-serata li kienet saret u x'jista jiġi irranġat għas snin li ġejjin. ( ara dokument mhemuz)

**5.Komunikazjoni tas-Sindku**

5.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill illi ser tkun qed torganizza ħarġa Kulturali ġewwa Għawdex fis-27 ta' Diċembru 2015.

## 6.KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERA

### 6.1 Il-Viċi Sindku Christopher Bruno għadda dawn il-punti

1. Is-Sur Bruno talab lill-Kunsill biex tintbgħat ittra formali lir-residenti bħala informazzjoni ġenerali illi l-iskip li kien hemm fi Triq Melchior de Robles ma ġietx imneħħija mill-Kunsill imma li ġiet misruqa u li ser tkun qed tiġi impoġġija oħra fl-inqas żmien possibli. Din in- notifika għandha tintbgħat lir- residenti ta' Triq Melchior de Robles, Triq Strau benzee u Triq Patri Mattew Sultana.

### 6.2 Il- Kunsilliera Is-Sinjura Maria Sultana għaddiet dawn il-punti

- Is-Sinjura Sultana talbet li jinġieb permess biex iż-'Zebra Crossing' li hemm fi Triq il-Luqqata viċin l-iskola titmexxa aktar il-fuq lejn Triq il-Missjoni Taljana minħaba li fejn hi hija perikoluza għal min ikun qed jaqsam minn fuqha speċjalment tfal tal-iskola.

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg. Eżek. tibgħat ittri ta' ringrazzjament lis-Sur James Camilleri f'isem Kalkara F.C., lil Smart City kif ukoll lill Ms.Cachia ta' l-għajnuna tagħhom u l-appoġġ li offrew biex l-attivitajiet ta' Jum il-Kalkara 2015 setgħu jsiru.

- Is-Sinjura Sultana issuġeriet illi għal Jum il-Kalkara tas- sena id-dieħla kif ukoll ta' snin li ġejjin tajjeb li ir- residenti jiġu mħeġġa li jtellgħu Bandiera għal dan il-Jum speċjali fil-lokal, hija saħqet li dan is-suġġeriment għandu jiġi inkluż fil-'leaflet' li jitqassam mill-Kunsill f'kull dar qabel il-Milied, biex b'hekk inħeġġu in-nies jgħinuna nagħmlu dan il-Jum aktar speċjali anki fid- dehra tal-lokal stess.

Is-Sur Bruno talab illi qabel ma jintbgħat dan is-suġġeriment għandu wieħed jiċċekja eżatt x'jgħid il-protokol fuq il-bnadar tal-lokal.

- Is-Sinjura Sultana talbet lis-Seg.Eżek terġa tibgħat 'reminder' rigward il-kontejners li hemm ġewwa Triq Marina fit-telgħa ta' Bighi minħabba il fatt li qegħdin ta' periklu għal-karozzi li jkunu telgħin minn din it-triq speċjalment fid- dlam peres li dawn qegħdin joħorġu il- barra mill-parkeġġ tal-karozzi.

- Is-Sinjura Sultana talbet lill-Kunsill biex jidħol bi sħab ma' l-iskola Primarja tal-Kalkara fuq proġett li jismu 'Eko Skola'. Hija spjegat illi dan ma jinvolvix flus pero' tkun xi ħaġa sabiħa li l-Kunsill jippromovi inizjattivi bħal dawn u jkun ta eżempju għat tfal tal-lokal.

Il-Kunsill kollu qabel dwar dan. Ġiet ukoll iffirmata l-ittra formali ta' sħubija waqt din is-Seduta minn naħa tas-Sindku.

- IsSinjura Sultana reġgħet staqsiet dwar l-ittra ta' ringrazzjament li hija diġa resqet fis- Seduta ta' qabel bħala ringrazzjament lis- Sinjura Carmen De Giovanni li kienet ser tispiċċa mix-xogħol aktar tard fis-sena 2016.

Is-Seg.Eżek. spjegat illi hija kienet diġa bgħatet ittra formali lis- Sinjura Carmen De Giovanni bħala ringrazzjament tax- xogħol tagħha f'isem il-Kunsill aktar kmieni f'Novembru.

- Is-Sinjura Sultana saħqet illi hemm bżonn li nerġgħu inkellmu il-kuntrattur li ħadem ġewwa Triq Santa Filomena biex jirranġa dak kollu li għadu ma sarx jew li tħalla nofs xogħol ġewwa din it-triq.

Hija saħqet illi ix-xogħolijiet kienu saru bla reqqa u b'hekk ir-residenti ta' l-inħawi kienu qegħdin jilmentaw fuq l-istat tat-triq fil- preżent.

Is-Sindku qalet illi hija kienet diġa kellmitu u li ser tkun qed tiltaqa miegħu fuq il-post biex b'hekk l-affarijiet ikunu ċari.

6.3 **Il-Kunsillier Vince Bongailas għadda dan il-punt**

Is-Sur Bongailas talab li jintbgħat rapport formali lill- Pulizija dwar il fatt illi il-karozzi qegħdin jitilgħu bil-kontra ( one way ) mit-telgħa ta' Triq is-Salvatur u qegħdin joħolqu deterent għal inċident ikraħ ma minn ikun nieżel kif suppost minn din l-istess triq.

**TMIEM**

Is-Seduta intemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għat -Tlieta 19 ta' Jannar 2016 fil-5:00pm.

**Speranza Chircop**
**Sindku**

**Elaine Caruana**
**Seg.Eżek.**